MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2011

Avviz Numru. 452/2005

**Dr Joseph Cannataci (I.D. 205361M)**

**Vs**

**On. Dr. Alfred Sant**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jkun ikkundanant li jhallas lill-istess attur is-somma li din il-Qorti ai termini tal-Art. 28 tal-Kap 248 tiffissa bhala danni in riparazzjoni tal-malafama li huwa sofra meta l-konvenut f'diskors pubbliku maghmul f'Tarxien fl-10 ta' Lulju 2005 li gie mxandar u ppubblikat fil-media, ghamel allegazzjonjiiet fil-konfront tal-attur li huma libelluzi u malafamanti konsistenti principalment (a) illi bhala Chairman tac-Centru Malti ghar-Restawr l-attur uza fondi suppost allokati mill-Unjoni Ewropea specifikatament ghal xoghol ta' restawr f'pajjizna

ghal salarji, beneficcji, safar u lukandi lussuzi (b) illi qed isiru hafna mistoqsijiet minn Brussel x'sar minn dawn il-fondi u (c) saru inkjesti mill-Gvern Malti dwar dan l-abbuz izda l-Gvern ma jridx jippubblika r-risultat tal-inkjesti fuq l-operat tal-attur.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut (fol 8 tal-istess atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:

1. Illi l-eccipjenti ma qal xejn libelluz fit-termini tal-ligi, fil-konfront ta' l-attur.
2. Illi subordinatament u bla pregudizzju ghas-sueccepit, id-diskors citat jikkonsisti f'espressjoni ta' l-opinjoni u apprezzament, jew *value judgement*, tal-eccipjent u huwa *fair comment* fuq materja ta' interess pubbliku, ammissibbli kemm taht il-Ligi ta' l-Istampa, kemm taht il-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem.
3. Illi bhala deputat tal-poplu, l-eccipjent ghandu rwol politiku u huwa mistenni li jesprimi l-fehmiet tieghu inkluzi l-opinjonijiet u l-apprezzament, anke personali, li jaghmel dwar dak li jkun qed jigri fil-hajja pubblika.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi jekk wiehed jara l-atti ta' din il-kawza, jista' jara, b'referenza ghall-konvenut, illi dan inghata opportunita ampja sabiex jipproduci provi in sostenn ta' dan eccepit minnu u ghal dan il-ghan, l-istess Qorti kienet issospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, da parti tieghu, <u>l-attur</u> (fol 12, fol 20, u fol 30 et seq ibid) spjega illi fl-10 ta' Lulju 2005 kien il-kap tad-

Dipartiment tat-Teknologija u Ligi fl-Universita ta’ Malta. Inoltre bejn Mejju 1999 u Marzu 2005 hu kien gie nominat bhala ‘Chairman’ tal-Bord ta’ Gvernaturi tac-Centru ta’ Restawr f’ Bighi oltre li kien ‘project Director’ ghal progett ewropew bl-isem ta’ ‘Ikonos’ u dan bejn l-2002 u l-2005. Fil-perjodu kollu l-ebda fondi ma kienu nghataw mill-unjoni Ewropea in konnessjoni ma’ restawr. Ghalhekk ‘ma setax jsir direttament ta’ fondi moghti(ja) … mill-Unjoni Ewropea a skop ta’ restawr (jew) ghal skopijiet ohrajn …’. Izda kienu nghataw fondi sabiex jintuzaw f’taghlim ossija ghall-hekk imsejjah ‘Distance hearing Project’ (‘Ikonos’). Ghal dan il-ghan, kien hemm allokati fondi, bi ftehim, bejn il-Kummissjoni u c-Centru msemmi. Dawn il-fondi kienu jigu allokati fuq diversi ‘headings’ kif elenkati fl-istess xhieda u l-infiq kien jigi verifikat mill-Awditur tal-istess centri oltre mill-Awdituri tal-Kummissjoni. Pero’ fid-data imsemmija, il-konvenut, kien ghamel diskors f’Hal Tarxien u li gie publikat permezz ta’ stqarrija (ara fol 14 u 15 tal-istess atti). L-istess diskors kien gie rapportat fuq gazzetta lokali bil-Malti (ara fol 22 ibid). Fl-istess xhieda l-attur indika, l-partijiet li ghalih kienu oggezzjonabbli b’mod spejcali l-ewwel (1) paragragu tal-istess stqarrija. In kontro ezami, l-attur rega’ ssostna li fondi kienu nghataw ghall-iskop ta’ taghlim ta’ restawr u mhux ta’ restawr ‘per se’. Il-fondi allokati kienu intizi sabiex jithallsu salarji u pagi kif ukoll safar u ‘data based development’. Ix-xhud specifika, ukoll, illi ‘Niftakar (illi) tlett ijiem qabel ma spiccajt fil-kariga, l-Unjoni Ewropea kienu approvaw l-estensjoni tal-progett ‘Ikonos’, tant kien sejjer tajjeb’ (ara ukoll ix-xhieda ta’ Joseph Schiro’ a fol 17 sa fol 18 ibid).

Ikkunsidrat

Illi wara li saret referenza ghall-provi kollha prodotti f’dan il-kaz jidher car illi l-konvenut, minhabba li, da parti tieghu, ma gab ebda prova, ma pprovax illi, dak li allega fid-diskors tieghu jista’ b’xi mod jigi konsiderat bhala fatt li hu minnu. Ta min jirrileva illi l-konvenut li, testwalment qal ‘Tul is-snin saru hafna fanfaranati kbar bis-Sur Joe Cannataci li kien imexxi dan ic-centru ghar-restawr’. Difatti l-allegazzjoni tal-konvenut kienet wahda gravi u allegat illi, l-attur uza ghal skopijiet ohrajn, fondi allokati

ghal restawr, asserzjoni li tirrasenta agir kriminali li, fid-dawl tal-provi prodotti kienet wahda falza u minghajr ebda bazi ta' fatt.

Ikkunsidrat

Illi, in rigward il-likwidazzjoni ta' danni minhabba dak premess, il-Qorti ser tillikwidhom 'arbitrio boni viri' fis-somma ta' €1,000.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti waqt li tichad l-eccezzjoniiet tal-konvenut tilqa' t-talbiet attrici kif dedotti mill-avviz in esami u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attur is-somma ta' €1,000.00 bl-imghax legali mid-data tallum stess sa' dik tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjes ta' din il-procedura.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------